**QORTI TA'L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D. – Agent President**

**Onor. Imħallef Dr Abigail Lofaro LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju 2018**

**Att ta' l-Akkuza numru 09/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Allan Galea**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Marzu 2013 kontra Allan Galea li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta:

> Fl-**Ewwel Kap**, illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm), il-

Pulizija tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali (CID) gew infurmati mill-pulizija tad-Distrett ta' Marsaxlokk illi kien għadu kif seħħ omiċidju permezz ta' *stabbing* fil-viċinanzi tal-Każin Nazzjonalista ġewwa l-istess lokalita' u li l-vittma ta' dan l-omiċidju kien Anthony Borg magħruf bħala l-Bona. Kien hemm diversi persuni li ġew mitkellma fuq il-post u li kkonfermaw li dan l-omiċidju kien riżultat ta' aggressjoni bi strument li jaqta' jew bil-ponta kommessa minn Allan Galea qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri fil-konfront tad-defunt Borg.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li, l-vittma Anthony Borg niżel jiekol u jixrob fil-każin tan-Nazzjonalisti ġewwa Marsaxlokk fejn kien fil-kumpanija tal-familja u tat-tfajla tiegħu. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (6:00pm) d-defunt Borg instema jiġġieled barra mill-każin fejn meta' xi uħud mill-familjari tiegħu marru jaraw x'kien qed jiġri l-akkużat Galea intlemaħ fuq il-post u kien qed jipprovoka lill-vittma għall-ġlied filwaqt li kien qed ixxejjirlu sikkina li kellu fil-pussess tiegħu f'dak il-mument. Jidher ukoll li rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni l-vittma kien ġab arma tan-nar mill-vettura tiegħu fejn kien spara żewġ tiri fl-ajru sabiex ibeżża lill-aggressur qua l-akkużat u filfatt jidher li hu kien rema din l-arma ġaladarba spara dawn it-tiri. Madanakollu dan ma sewa għal xejn peress illi l-akkużat, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar, beda jagħti diversi daqqiet ta' sikkina lil Anthony Borg *aka* l-Bona u dan anki wara li l-akkużat kien immobilizza lill-vittma fil-kors ta' din l-aggressjoni. Filfatt jiriżulta kemm mix-xhieda okulari li kienu fuq il-post kif ukoll mill-awtopsja li saret wara fuq il-kadavru illi d-defunt Borg qua il-vittma ssubixxa diversi daqqiet ta' strument li jaqta' jew bil-ponta f'partijiet differenti ta' ġismu, fosthom daqqa fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru li rriżultat bħala dik li kkaġunatlu l-mewt. Sfortunatament, irriżulta li l-vittma miet fuq il-post ftit tal-ħin wara kaġun ta' din l-aggressjoni vjolenti konsistenti minn dawn id-daqqiet f'partijiet vitali ta' ġisem il-vittma li ġew inflitti fuqu permezz ta' sikkina li effettivament instabet fuq ix-xena tad-dellitt fil-viċinanzi tad-defunt, u dolozament mill-akkużat Allan Galea bl-intenzjoni li joqtol jew li jipperikola l-ħajja ta' Anthony Borg. Filfatt il-vittma Anthony Borg ġie ċċertifikat mejjet hdejn il-każin tan-Nazzjonalisti ta'Marsaxlokk mill-paramediċi li ssokkorewh biex ituħ l-assistenza meħtieġa iżda li kienet inutli fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw.

Illi l-akkużat Allan Galea ġie arrestat ftit tal-ħin wara fl-inħawi tal-istess Każin wara li ħarab minn fuq il-post sussegwentement għall-eżekuzzjoni ta' dan l-omiċidju doluz fejn meta mitkellem mill-pulizija ammetta li hu mar armat fuq il-post tad-delitt speċifikatament sabiex jaffaċja lill-vittma

Borg b'intenzjoni doluża ta' qtil u dan wara li kien hemm skambju ta' telefonati bejniethom dakinhar stess ftit tal-ħin qabel ma seħħet l-aggressjoni mertu ta' dan il-każ kif ukoll wara xi tilwim li kien inqala' bejniethom f'okkazzjonijiet precedenti għal dan id-delitt.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Anthony Borg) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Allan Galea, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tieni Kap**, illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kap preċedenti ta' l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar il-wieħed u għoxrin (21) jum ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm) u ftit tal-ħin qabel ġewwa Marsaxlokk, l-akkużat Allan Galea, kellu f'idejħ sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt ġar l-arma fuq il-persuna tiegħu u għamel użu xjenti u maħsub minn din is-sikkina permezz ta' liema kkaġuna diversi ġrieħi gravi fuq il-vittma Anthony Borg li kienu ġrieħi fatali għall-vittma imsemmi. Dan ukoll jindika li l-ġarr barra minn fond jew ditorni tiegħu ta' din is-sikkina ma kinitx intenzjonata sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha iżda bl-iskop li tintuza bħala arma kontra l-persuna ta' Anthony Borg kif fil-fatt irriżulta.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali akkuża lill-imsemmi Allan Galea ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47)

skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 23A, 30, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Dicembru 2015 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih b' sitt ( 6 ) voti favur u tlett ( 3 ) voti kontra sabu lil Allan Galea ħati skont l-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza, b'dan li r-reat hu skużabbli għaliex għalkemm aġixxa fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu, ħareġ barra mil-limiti mposti mil-Liġi jew mill-awtorita' jew mill-bżonn, u li unanimament sabu lill-imsemmi Allan Galea ħati skont t-Tieni Kap tal-att tal-akkuża.

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 23, 211(1), 223, 227(d) u 228(3) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi tal-Kapitolu 480, fejn bl-assorbiment tat-Tieni Kap ta' Akkuża fl-Ewwel Kap ta' Akkuża bħala mezz għal fini, ikkundannat lil Allan Galea għal piena ta' sitt (6) snin priġunerija, kif ukoll ikkundannatu jħallas l-ammont ta' disa' telef, sitt mija u seba' u erbgħin ewro u tletin ċenteżmu (€9, 647.30) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess

**4.** Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-Avukat Generali fis-07 ta' Jannar 2016 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti **<u>tbiddel u tirriforma</u>** l-istess sentenza, billi :

(1) Tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tat-tieni kap ta' din l-Att tal-Akkuża b'vot unanimu;

(2) Tħassarha u tmur lura mill-verdett fir-rigward ta' l-ewwel Kap ta' Akkuża u ċioe' dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-akkużat Allan Galea instab ħati tar-reat ta' omiċidju volontarju skużat permezz tal-eċċess tal-

leġittima difiza u minflok issib lill-appellat Allan Galea ħati tal-omiċidju volontarju mingħajr l-ebda skuża jew ġustifikazzjoni fil-liġi kif oriġinarjament ipprospettat fl-Att tal-Akkuża u tiddetermina verdett ta' sejbien ta' htija f'dan ir-rigward;

(3) konsegwenzjalment tħassar il-piena kif mogħtija fil-kawża u minflok tagħti dik is-sentenza aktar gravi ġustifikata bil-liġi (skont kif mitlub fl-att tal-akkuza);

(4) **jew alternattivament** tordna li l-kawża terġa tinstema' mill-ġdid skont id-disposizzjoni tal-artikolu 508 tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-inġustizzji li seħħew kif spjegat f'dan l-appell, tiġi rizolta permezz ta' proċess ġdid skont il-liġi, filwaqt illi tiddisponi minn dan l-appell skont il-liġi u ai fini tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**5.** Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti tas-27 ta' Marzu 2018 fejn it-tielet aggravju imqanqal mill-Avukat Generali gie iddikjarat inammissibbli skont il-ligi u fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess aggravju.

**6**. Semghet trattazzjoni dwar il-kumplament ta'l-aggravji.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi sorvolata l-pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar l-inamissibbilita tal-appell tal-Avukat Generali jifdal li jigu trattati il-bqija ta' l-aggravji imqanqla, bl-appellant Avukat Generali jiddikjara fil-kors tat-trattazzjoni orali illi kien qieghed jirrinunzja ghar-raba' talba maghmula fir-rikors tal-appell fit-termini ta'l-artikolu 508 tal-Kodici Kriminali u cioe' t-talba ghar-ritrattazzjoni. Illi allura, nstemghu biss s-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel zewg aggravji marbuta mat-tieni talba kontenuta fir-rikors u cioe' dik fejn intalbet ir-

revoka tal-verdett tal-gurati fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u dan sa fejn il-htija ghar-reat tal-omicidju volontarju gie skuzat minhabba eccess tal-legittima difiza.

**9**. Ghal dak li fil-fehma tieghu kien verdett erroneju, l-Avukat Generali jipponta lejn l-indirizz li ghamel lill-gurati l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Jikkontendi li kien influwenzat il-verdett meta l-gurati kienu espressament diretti sabiex jilqghu id-difiza tal-akkuzat illi r-reat kien wiehed skuzabbli fit-termini ta'l-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Fil-fehma tal-appellant, dan kien jammonta ghal irregolarita` tal-process gudizzjarju. L-Avukat Generali jissottometti li fil-kaz in dizamina ma kienux jikkonkorru l-elementi legali li jsawwru l-istitut tal-legittima difiza billi wiehed mill-elementi ewlenin u cioe' dak tal-inevitabbilita' kien ghal kollox nieqes mill-fattispecje li tressqu ghall-konsiderazzjoni tal-gurati. Mhux biss izda jishaq ukoll illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri dderiega wkoll lill-gurati b'mod erroneju meta kien qed ifissrilhom il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzat. Jilmenta finalment illi kien hemm nuqqas ta' kontroll mill-Ewwel Qorti dwar l-operat tad-difiza waqt li kien qed isir il-kontro-ezami tax-xhud Clifton Cassar li allura seta' kellu effett fuq il-verdett finali.

**10**. Illi qabel tghaddi ghall-ezami ta' dawn il-lanjanzi jkun ghaqli jekk jigu senjalati l-fatti kif sehhew dakinhar tal-21 ta' Frar 2010.

> i. Fl-ghodwa tal-21 ta' Frar 2010 l-akkuzat jarma fuq il-monti ta' Marsaxlokk billi huwa *hawker* u jibqa' hemmhekk sat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar. Matul il-jum huwa jinnota lill-familja Borg gewwa kazin fil-pjazza ta' Marsaxlokk. Kif ilesti mix-xoghol imur iqatta' siegha gewwa l-grawnd tal-futbol ta' Marsaxlokk.

ii. Meta jasal lura d-dar icempillu Anthony Borg. Dan Anthony Borg, maghruf bhala l-Bona, kien bniedem maghruf mal-pulizija dwar reati relatati mal-uzura u l-vjolenza. Borg jibda' jghajjat mal-akkuzat u jidghi, u hu jwiegbu li kien ser jinzel sa hdejh biex ikellmu. Billi l-akkuzat ighid li kien diga' ra lil Borg flimkien ma' xi nies ohra fil-kazin iktar kmieni, u billi jaf li Borg huwa bniedem vjolenti, jiddeciedi jiehu sikkina mieghu ghax ighid li beza' ghall-inkolumita' tieghu .

iii. Wara dan, Borg ikompli icempel lill-akkuzat izda twiegbu t-tfajla tieghu u f'dawn it-telefonati Borg ikompli ighajjat, jidghi u jisfida lil Galea, tant illi Amanda Grech tghid li bezghet u telqet mid-dar bit-tifla u rrikorriet ghand huha li joqghod fil-vicin billi bdiet tahseb lil l-Bona kien ser imur ifittex lill-gharus taghha d-dar.

iv. L-akkuzat jasal vicin il-kazin bil-mixi u hemmhekk jara lil Borg li jispara arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu. Fil-fatt jidher li kienu sparati madwar zewg tiri.

v. Galea ighid li bil-biza' stahba vicin karozza filwaqt li Borg baqa' riesaq lejh sa ma gew wicc'imb wicc. F'dan il-mument Galea jimbotta lil Borg minn spalltu bl-id li fiha kellu s-sikkina.

vi. Jibdew jissarraw bl-idejn u Galea jerga` jaghti daqqa ta' sikkina lil Borg li din d-darba tkun fatali billi tolqot qalb il-vittma.

vii. Galea jigi aggredit minn Frans Borg, hu l-vittma, u xi nies ohra u jsofri xi griehi ta` din l-aggressjoni, izda jirnexxielu jisgicca u jahrab minn fuq l-post.

**11.** Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji kif imfissra in succint, id-difiza tqanqal diversi difizi li setghu jissarrfu f'impunita` ghar-reat addebitat lill-

appellat u fin-nuqqas sabiex l-istess jigi skuzat. Il-gurati jilqghu wahda minn dawn id-difizi u ghalhekk, ghalkemm isibu lill-appellat hati tar-reat tal-omicidju, madanakollu iqisu illi l-istess kien skuzabbli minnhabba l-eccess tal-legittima difiza. Dan wara li kienu mfissra lilhom mill-Imhallef li ppresjeda il-guri l-elementi ta' dritt li jsawwru l-istitut tal-legittima difiza, kif ukoll dawk li jikkostitwixxu d-difizi l-ohra imqanqla u cioe` dak tal-eccess tal-legittima difiza u l-provokazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**12**. Illi ghalkemm it-'*trial by jury*' huwa meqjus bhala pilastru tad-demokrazija, u kien deskritt minn Lord Denning bhala '*the lamp that shows that freedom lives*', mhuwiex hieles minn problemi. Dan ghaliex mhux dejjem jkun facli ghal cittadin li ma jkollux gharfien tad-dritt illi jasal biex jifhem fi ftit granet kuncetti legali li jaghmlu l-qafas tal-process penali in generali, u tal-kaz specifiku li jigi ipprezentat quddiemu ghall-gudizzju tieghu dwar il-fatti. Proprju ghalhekk l-oneru jaqa` fuq l-Imhallef togat li jrid ifisser lill-gurati l-punti ta` dritt. Ghalkemm il-gudizzju dwar il-fatti jibqa` dak tal-gurati biss, ghal dak li huwa dritt, il-gurati huma obbligati joqghodu fuq id-direzzjoni li jaghtihom l-Imhallef togat fl-indirizz finali. Dan premess, ta` spiss tinsorgi l-mistoqsija dwar x`ghandu jkun l-intervent tal-Imhallef togat waqt il-guri u safejn dan ghandu jwassal sabiex il-gurati jkunu fl-ahjar posizzjoni meta jigu biex jiddeliberaw illi jamministraw il-gustizzja kemm fil-konfront tal-persuna akkuzata kif ukoll fil-konfront tas-socjeta in generali.

**13**. Illi fil-kaz *Taxquet v Belgium* li kien deciz mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-16 ta` Novembru 2010 kien investigat il-mod kif tahdem din is-sistema penali fil-pajjizi membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Inghad hekk :-

**"43. It is clear that there are many different models of lay adjudication in the member States of the Council of Europe. There are variations reflecting cultural and historical particularities even among countries that have opted for the "traditional" trial-by-jury model, the defining feature of which is that professional judges are unable to take part in the jurors' deliberations on the verdict.**

**44. The member States may be divided into three categories: those without any form of jury trial or any model of lay adjudication in criminal matters; those using a collaborative court model of lay adjudicators sitting and deliberating alongside professional judges in criminal matters; and those which have opted for the "traditional" jury model in criminal matters.**

**83. The Court notes that several Council of Europe member States have a lay jury system, guided by the legitimate desire to involve citizens in the administration of justice, particularly in relation to the most serious offences. The jury exists in a variety of forms in different States, reflecting each State's history, tradition and legal culture; variations may concern the number of jurors, the qualifications they require, the way in which they are appointed and whether or not any forms of appeal lie against their decisions (see paragraphs 43-60 above). This is just one example among others of the variety of legal systems existing in Europe, and it is not the Court's task to standardise them. A State's choice of a particular criminal-justice system is in principle outside the scope of the supervision carried out by the Court at European level, provided that the system chosen does not contravene the principles set forth in the Convention."**

**14**. Illi kif spjegat f'din id-decizjoni il-fatt illi l-gurati ma jaghtu l-ebda motivazzjoni li tkun wasslithom ghad-decizjoni finali taghhom, jista' jpoggi lill-partijiet fi zvantagg billi il-verdett ma jitfa' l-ebda dawl fuq ir-raguni li tkun wasslet sabiex persuna tinstab hatja jew tkun liberata.

**15**. Issa fil-kaz tal-lum l-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu kompitu kemmxejn difficli pprezentat quddiemu, ghaliex ghalkemm ma kien hemm l-ebda dubju illi kien l-akkuzat li bl-azzjoni tieghu wassal ghall-mewt ta` Anthony Borg, maghruf

bhala l-Bona, madanakollu ressaq numru ta’ difizi li kienu alternattivi ghal xulxin, difizi li necessarjament kienu jenhtiegu spjegazzjoni pjuttost dettaljata tal-hsieb legali wara kull difiza. Mhux biss izda fir-rigward tad-difiza legittima, sehh zvilupp matul iz-zmien fil-hsieb dottrinali u fl-interpretazzjoni tal-gurisprudenza li huwa in konflitt ma’ dawk tradizzjonali, u li allura kellu jkun spjegat lill-gurati. L-Imhallef togat kellu jaghmel dan ghaliex minn naha wahda d-difiza kienet qeghda tiffavorixxi l-izviluppi aktar ricenti fil-hsieb legali, mentri l-prosekuzzjoni kienet qed izzomm ferm mal-interpretazzjoni tradizzjonali. Ipprezentat b’dan il-kwadru ta’ interpretazzjonijiet differenti, u rinfaccjat b’ disa` persuni sprovvisti ghal kollox mill-konoxxenza ta’ dritt penali, l-Imhallef togat kellu necessarjament fl-indirizz tieghu jidderigi lill-gurati fit-triq li setghet twassal ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, b’dan illi d-decizjoni tal-ahhar dwar il-fatti tal-kaz kellha tithalla mbaghad fl-arbitriju liberu tal-gurati. F`dan il-kuntest il-kompitu ta’l-Imhallef kien illi jindika lill-gurati liema minn dawn il-kuncetti ta’ dritt huma kellhom japplikaw meta jigu biex jiddeciedu jekk fuq il-fatti l-akkuzat kienx sab ruhu fil-bzonn attwali li jiddefendi lilu nnifsu.

**16**. Kien l-Imhallef li kellu jistruwixxi lill-gurati ghal liema triq kellhom jiehdu fil-konsiderazzjonijiet taghhom dwar il-fatti. L-istruzzjoni u d-direzzjoni kienu jispettaw lill-Imhallef togat u certament mhux lill-Imhallfin tal-fatt li ma ghandhom l-ebda konoxxenza tal-ligi, u wisq inqas tal-izviluppi legali li sehhew matul iz-zmien fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Liema wahda mid-dottrini kellha tigi applikata kienet decizjoni tal-Imhallef togat u mhux tal-gurati. Fil-fatt minn qari tal-indirizz huwa proprju dan li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri billi spjega b’mod dettaljat din id-difiza, u allura l-interpretazzjoni li huwa kien qed jaqbel maghha dwar il-kuncett tal-inevitabbilita’ bhala wahda mill-elementi sabiex tirnexxi l-iskriminanti.

**17**. Illi it-tlett elementi ta’ dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u nevitabbli, u ukoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata.

> **"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe’ t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe’ li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[1]"**

**18**. Issa, kif diga` nghad, bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza, kien hemm konflitt dwar l-interpretazzjoni li kellha tinghata ghall-kuncett legali ta’ l-inevitabbilita’. Il-prosekuzzjoni tqis illi l-mument rilevanti huwa l-hin li jipprecedi l-event kriminuz u allura ma tkunx tirrizulta l-iskriminanti meta l-awtur tar-reat jersaq lejn il-periklu b’mod liberu u ma jahrabx ghalkemm ikollu l-opportunita’ li jaghmel dan. Min-naha taghha d-difiza tghid illi kull kaz ghandu jigi evalwat fuq il-fattispeci u l-mertu tieghu, u mhux bl-applikazzjoni ta’ kuncetti generici ta’ dritt, bil-mument ta` l-inevitabbli jitqies bhala l-mument tal-aggressjoni u

[1] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Joseph Psaila’

mhux il-hin ta' qabel. Dan allura jfisser, fil-fehma tad-difiza, illi bil-fatt illi l-akkuzat seta' qieghed lilu nnifsu fi stat ta` perikolu meta mar biex ikellem lil Borg, sahansitra armat b'sikkina, ma ifissirx *a priori* illi l-iskriminanti tal-legittima difiza (li f'dan il-kaz gie applikat fl-eccess tieghu) ma jissussistix. Tishaq id-difiza illi hekk kif Galea avvicina lil Borg, li kellu arma tan-nar, u dan spara fid-direzzjoni tieghu, u mbaghad kompla javvicinah, l-akkuzat hass il-bzonn li jiddefendi ruhu f'dak il-mument mill-periklu li huwa qies li kien gej ghalih, anke jekk ecceda l-limiti tal-proporzjoni.

**19**. Illi l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali ighid hekk :

> **Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

Imbaghad l-legislatur ighaddi biex jinkludi tlett cirkostanzi fejn allura hass illi l-iskriminati issib applikazzjoni, u fejn allura it-tlett elementi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

**20**. Illi d-decizjoni li biddlet l-hsieb tradizzjonali dwar dina l-iskriminanti hija **ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-decizjoni ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech, fejn kien superjorment deciz illi:

> **"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.**
>
> **Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):**

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-princpji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."

Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li

**twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`[2]."**

**"Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:**

> **"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato[3]."**

**21**. Illi fid-dawl ta' dan l-izvilupp fl-interpretazzjoni tal-iskriminanti in dizamina, l-indirizz lill-gurati kellu jkun li jaghtihom direzzjoni lejn it-triq li kellhom jaghzlu. L-Avukat Generali fl-aggravju minnu intentat jishaq illi sehhet irregolarita` fil-proceduri meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri, waqt li kien qed jispjega l-elementi ta' dritt, influwenza lill-gurati meta, skont hu, qalilhom illi l-iskriminanti tal-legittima difiza kellha ssib applikazzjoni ghall-fattispecje tal-kaz u allura uzurpa il-mansjoni risposta f'idejn il-gurati li jaslu huma ghad-decizjoni dwar il-fatti tal-kaz. Illi allura dak li hija msejha biex taghmel din il-Qorti, issa fi stadju ta' revizjoni, huwa illi tqis jekk fl-indirizz kif moghti mill-Imhallef togat

[2] Deciza 16/10/2003

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri App. Sup. 28/02/2008

setghetx sehhet irregolarita gravi illi wasslet ghal hekk imsejjah "*miscarriage of justice*", jew jekk il-verdett milhuq mill-gurati hekk kif diretti mill-Imhallef fl-indirizz tieghu kienx "*unsafe and unsatisfactory*" fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi[4].

**22**. Mhux bizzejjed illi l-Avukat Generali jilmenta li l-Imhallef seta' nfluwenza id-decizjoni tal-gurati ghaliex din il-Qorti trid tqis jekk il-verdett kienx wiehed li jaghmel gustizzja fil-konfront tal-hati u tas-socjeta' in generali jew inkella jekk fid-dawl ta' l-allegata rregolarita' setax ikun hemm verdett erroneju b`tali mod li tkun saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja, fil-kuntest tal-artikolu 500(3) tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat :**

**23**. Illi l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu jislet brani mill-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri meta dan jittratta l-legittima difiza u l-eccess ta' l-istess li fil-fehma tal-Avukat Generali jwassal ghal irregolarita' f'dawn il-proceduri. Ighid illi f`dawk is-siltiet l-Imhallef kien qed jindika lill-gurati illi huma kellhom jilqghu d-difiza bil-konsegwenza allura li nfluwenzhom fid-decizjoni taghhom. Din il-Qorti ezaminat l-indirizz fl-intier tieghu sabiex tevalwa bir-reqqa mhux il-bran iccitat mill-appellant in izolament, izda fil-kuntest illi fih sar. L-imhallef jibda l-indirizz tieghu b'dan il-mod:

---

[4] Artikolu 500(3): l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħet irregolarità gravi jew li s-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta'miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett:

Iżda l-Qorti tista', sakemm ma tkunx tal-opinjoni li dak il-punt li sar waqt appell taħt dan is-subartikolu jkun deċiż favur l-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell f'każ li jkun ikkunsidrat li ma sar ebda nuqqas ta' ġustizzja.

**"…. intom l- Imhallfin li tridu tiddeċiedu fuq il- fatti. Minn naha l-ohra jiena ghandi nigwidakom fuq dak li tghid il- liġi. U kif diga' ghidtilkom fuq liġi tridu toqoghdu fuqi, bl-ebda dizrispett lejn l-avukati. Dawn huma r- regoli ta' l- loghba. Fuq il-ligi toqoghdu fuqi.**

**Bil- kontra, ghal dawk li huma fatti intom l-Imhallfin sovrani. Nghid x' nghid jiena issa, mela l-avukati diga' spjegawlkom il-punti di vista taghhom pero' nghid xi nghid jiena dwar il-fatti intom ma intomx marbuta b'dak li nghidilkom jiena. Jiena ma inix ser nipproponielkom fatti kemm jista' jkun, mhux kemm jista' jkun, ha naghmel mezz tieghi li ovvjament fatti ma nidholx fihom ghax dik hija l- linja taghkom. Pero' intom ma intomx marbuta bl-ebda fatt jekk jiena nikkummentax jew le fuq xi fatt, assolutament tistghu tiskartaw dak li qed nghid."**

**24.** Imbaghad bhala premessa qabel ma jidhol biex jispjega il-kuncett legali tal-legittima difiza ighid:

**"Imma bejn it-trattazzjonijiet jekk intom qadtu attenti tas-sinjuri avukati hemm punt ta' diverġenza u dak niddecidieh jiena, cioe' mhux niddecidieh, dak immexxikom jiena fih ..."**

Mill-ewwel jidher illi lill-gurati kien qed jigu mfissra d-diversi interpretazzjonijiet legali li kienu qed jinghataw mill-partijiet. Kien indikat ukoll lilhom mill-bidunett illi huma kellhom joqghodu fuq l-interpretazzjoni ta' dritt li kien ser jaghtihom l-Imhallef. Dan kellu jsir billi ma kienx hemm qbil bejn iz-zewg nahat dwar l-elementi ta' dritt li jsawwru l-istitut legali tal-legittima difiza, u allura d-decizjoni dwar dak il-punt ta' dritt kien jispetta unikament lill-Imhallef togat u mhux lill-imhallfin tal-fatt.

**25**. Fil-linji gwida tal-Judicial College tal-Ingilterra nseriti fil-Crown Court Compendium: Part 1: Jury and Trial Management and Summing Up (November

2017) tinghata din id-direzzjoni dwar l-mod kif ghandu isir 'l hekk imsejjah summing up:

> **"The jury need to be directed that they are responsible for decisions of fact; the judge for decisions of law. Such a direction is not a mere formality. Without it, juries might get the impression that any comments made by the judge were matters to which they were bound to pay heed. It is the duty of the judge to ensure that the jury understand that responsibility for the verdict is theirs and not his.**
>
> **The jury should be directed as follows:**
>
> **(1) The judge and the jury play different parts in a criminal trial.**
>
> **(2) The judge alone is responsible for legal matters. When summing up the judge will tell the jury about the law which is relevant to the case, and the jury must follow and apply what the judge says about the law.**
>
> **(3) The jury alone are responsible for weighing up the evidence, deciding what has or has not been proved, and returning a verdict/verdicts based on their view of the facts and what the judge has told them about the law.**
>
> **(4) Where there are different accounts in the evidence about a particular matter the jury must weigh up the reliability of the witnesses who have given evidence about the matter, taking into account how far in the jury's view their evidence is honest and accurate. It is entirely for the jury to decide what evidence they accept as reliable and what they reject as unreliable.**
>
> **(5) When D has given and/or called evidence: the jury must apply the same fair and impartial standards when weighing up the evidence of the witnesses for the prosecution and the defence.**
>
> **(6) The jury do not have to resolve every issue that has arisen, but only those that are necessary for them to reach their verdict(s).**
>
> **(7) The jury are permitted to draw sensible conclusions from the evidence they accept as reliable, but they must not engage in speculation or guess-work about matters which have not been covered by the evidence.**

**(8) It is important that the jury's verdict(s) should be based only on their own independent view of the evidence and the facts of the case. Therefore: (a) Although the jury should consider the points made about the evidence and the facts by the advocates in their speeches, it is for the jury alone to decide which of those points are good and which are not. (b) Should the judge give the impression when summing up the case that he has formed a view about any of the evidence or any of the facts of the case, the jury are not in any way bound by this, and must form their own view. (c) When summing up the case, the judge will summarise the evidence but will not attempt to remind the jury of all of it. The jury should not think that evidence which the judge does mention in the summing up must be important, or that evidence which the judge does not mention must be unimportant. It is for the jury alone to decide about the importance of the different parts of the evidence.**

**(9) If appropriate: the jury must not allow themselves to be influenced by any emotional reaction to the case and/or any sympathy for anyone involved in the case and/or by any fixed ideas/preconceptions/prejudices they may have had.**[5]

**26**. Dwar l-indirizz tal-Imhallef fil-guri, inghad hekk fid-decizjoni r-Repubblika ta' Malta vs Antonio Falzon:

**"Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu (b'referenza ghall-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali) f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li**

[5] https://www.judiciary.gov.uk/wp-content/uploads/2016/06/crown-court-compendium-pt1-jury-and-trialmanagement-and-summing-up-nov2017

**ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra.[6]"**

**27**. Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-indirizz fl-intier tieghu, u sejra tirriproduci il-bran shih fejn jigi spjegat lill-gurati l-linji difensjonali tad-difiza u cioe' dik tal-legittima difiza u l-eccess taghha kif ukoll il-koncett tal-provokazzjoni b'dawn id-difizi ikunu alternattivi ghal xulxin.

Ighid hekk l-Imhallef lill-gurati dwar il-legittima difiza:

**"Mela jghidlek mill-ewwel l-ewwel kunċett. Mela l-ewwel ġebla il-kelma attwali. Dan ifisser sempliċiment li l-oggett ikun gara dak il-hin mhux qabel. Jiġifieri fl-istess mument li qed issir l-aggressjoni u minhabba din l-aggressjoni tqum bilfors il-htiega li wiehed jiddefendi ruhu b'dak il-mod. Issa l-mod hawnhekk huwa li jispiċċa joqtol persuna ohra, dak hu l-mod. Jigifieri l-liġi tkellimna fuq il-bzonn ta' dak il-hin, ta' dak il-mument. .... illi jekk jiena nanticipa xi perikolu, jekk qed nipprevedi xi aggressjoni ġejja fuqi, tinsiex irrid nipprevedi aggressjoni li ġejja fuqi u jien qed nara illi fi ftit minuti ohra gej xi perikolu ghalija dan il-kunċett ma japplikax. Jigifieri jekk jien qed nanticipa li jien ghandi hjiel ta' a time span dan il-kuncett ma japplikax.**

**Jigifieri l-aggressjoni jiena ma anticipajthiex, ma prevedejthiex u nqalghet istantanjament f'dak il-hin, f'dak il-mument u l-azzjoni tieghi hija konsegwenza ta' dan li kelli bilfors nirreagixxi f'dak l- istess hin.**

**Issa x'inhi t-tip ta' aggressjoni jew minaccja li trid il-ligi? Meta qed nghidu aggressjoni jew minaccja mhux bil-kliem imma sitwazzjoni inti qed tippreżenta quddiemek li inti thoss li qed timminaccjak, timminaccjalek hajtek jew ġismek. Inti tanticipa li ser jiġri xi haga u din il-minaccja jew aggressjoni ghandha tliet elementi li jridu jkunu preżenti : trid tkun inġusta, trid tkun gravi, u trid tkun inevitabbli.**

[6] 22/09/2006

Issa qabel nidhlu go fihom nerga’ naghmilha cara li l-aggressjoni biex ma tinbidx il-leġittima difesa, nirrepeti biex tifhmuha sew il-kwistjoni: jiena ma prevedejtx li ser tinqala’ l-aggressjoni, anka jekk jiena inzilt armat ghaliha. Jien ma prevedejtx li ser niġi attakkat. Din il-kwistjoni hija vitali hawnhekk, il-kwistjoni li inti tara li mort kif mort jiena ma kontx bi hsiebni li ser insib sitwazzjoni, ser nirrinfaccja sitwazzjoni ta’ aggressjoni kontrija. Ara kieku naf, mod iehor. Jigifieri cara din il-bicca xoghol, nispera li ghamilthielkom cara

Mela ejja mmorru fuq it-tliet kunċetti. Inġusta, din hija sempliċi hafna, mhix awtorizzata mill-liġi, mhix permessa mill-liġi. It-tieni hija wkoll sempliċi relattivament: li trid tkun gravi, jigifieri trid tkun minaccja jew aggressjoni ta’ ċerta serjeta’. Kif ghidtilkom qabel ma hijiex kwistjoni ta’ paroli jew diskorsi. Trid tkun aggressjoni li lili tista’ ggibli l-mewt jew ser iggibli l-mewt, jew xi offiża fuq il-persuna tieghi.

In poche parole l- kwistjoni li tinqala’ li dik il-persuna li tara quddiemha hija li ghandha sitwazzjoni rreparabbli, li ma nistax insewwi ghaliex il-proxxmu li ghandi quddiemi ser joqtolni. Kwindi hija kwistjoni ta’ ma ghandix option fuqha.

U niġu hawnhekk ghal inevitabbli. Fil-fatt jidhirli lbierah accennajtilkom illi fuq il-leġittima difesa l-punt ta’ diverġenza bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza huwa dan il-kunċett: l-inevitabbilita’. Jigifieri sa issa huma kollox qablu li kien hemm il-legittima difesa, pero’ l-Prosekuzzjoni qed tinsisti li l-inevitabbli ma jeżistix u allura kif ghidtilkom ma hemmx il-legittima difesa, id-Difiza qed tghidilkom illi inevitabbli, il-kunċett ta’ l-inevitabbilita’ jeżisti w allura hemm leġittima difesa. U kwindi jinkombi fuqi li jiena nghidilkom kif tridu tharsu lejn dan il- kunċett.

L-inevitabbli: jiena ma prevedejtx jew ma anticipajtx, jigifieri jiena ma nistax nevita ghaliex insib ruhi f’ ċertu ċirkostanzi b’dahri ma’ l-hajt, fejn ghandi perikolu li gej ghal fuqi li hu gravi ghaliex huwa perikolu ghal hajti. U din l-aggressjoni hija nġusta u dan il-perikolu jew aggressjoni jiena ma nistax nevitah, ma nistax nitlaq ‘l hemm.

It-teorija legali u l-liġi hija sabiha ghaliex il-kunċetti jevolvu u dan huwa kunċett li evolva wkoll, almenu fil-fehma tieghi. It-teorija legali u ċertu skola ta’ l-hsieb tghidlek illi jekk inti ssib ruhek f’din it-tip ta’ sitwazzjoni w ghandek il-possibilita’ trid titlaq u tevita l-inwkiet. Din hija t-teorija biex nghid hekk ejja nsejhulha klassika. Jigifieri min

**jistieden l-inkwiet hu stess billi jpoġġi ruhu f'sitwazzjoni li jaf li minnha jista' jantiċipa li jiġi agredit u ser ikollu jiddefendi ruhu f' din is-sitwazzjoni hemm nieqes l-element ta' l- inevitabbli.**

**.....**

**Jigifieri dan li ghidtilkom jiena issa, li jekk jien naf x' ser jiġri allura ndabbar rasi u nitlaq 'l hemm dan huwa l-principju tradizzjonali – li inti ma tistax tpoġġi lilek innifsek fejn ser tanticipa li ser tigi aggredit. Umbaghad tghid jien ġejt aggredit allura jien naghmel li rrid u jien nirritalja.**

**Pero' hawnhekk kien hawn evoluzzjoni ta' dan il-hsieb. Din hija t-tezi ta' l-Prosekuzzjoni t-teorija klassika. Pero' hawnhekk irridu naraw il-Qrati taghna, il-hsieb aktar riċenti ta' l-Qrati taghna hu ftit differenti u kien hemm evoluzzjoni ta' l-hsieb. Fil-bidu Qorti ta' l-Appell partikolari qalet illi s-soluzzjoni tinsab ghal kwistjonijiet ta' l-inevitabbilita' qed nitkellmu hawnhekk, b'referenza ghal kaz in eżami tenut kont ta' c-cirkostanzi kollha ta' l-kaz. X' qed tghid din il-Qorti? Din il-Qorti qed tghid isma' ma tistax inti taqbad u tiddeċiedi u tghid mela jekk dak ma dabbarx rasu allura din ma teżistix. Qed tghid le, irridu nkunu iżjed fini fiha l-bicca xoghol, irridu naraw kull kaz kif jevolvi, il-fatti speci ta' l-kaz.**

**X' ghandna fil-kaz hawnhekk biex inqeghdkom fiha l-bicca xoghol? Hemm żewġ oġġetti li jiskattaw, f'daqqa wahda s-Sur Borg ġralu xi haga u Pawlu Borg x-Shoe jghidilna ezatt li f'daqqa wahda kien hemm a change of mood. Umbaghad kien hemm dik it-telefonata li saret, li ġabet a change of mood ukoll lil Allan Galea ghax hu niżel b' sikkina. Dawk huma fatti li johorgu. Jigifieri fil-kuntest li kieku ahna kellna nieqfu fuq din li qalet din l-Ewwel Qorti ta' l- Appell sempliċiment il-kaz kif evolva s-sitwazzjoni, kif tevolvi s- sitwazzjoni. Issa kif tevolvi dik spetta lilkom li tiddecieduha dik il-kwistjoni. Imma biex tanalizzaw jigifieri l-kuncett tal-inevitabilita' li qed jghidu iva dan there is no hard and fast rule, irridu naraw kaz kaz, kif irreagixxew in-nies ghaliex in – nies ma humiex magni, u allura rridu naghmlu din l- analiżi.**

**Pero' dan il-kunċett evolva u Qorti ta' l-Appell ohra mhix komposta mill-istess nies hadu l-hsieb pass oltre. Dik il-Qorti kienet qalet li biex tanalizza s-sitwazzjoni l-kaz ghandu jiġi analizzat u c-cirkostanzi kollha ta' l-kaz, mela abraccaw dak li qalet li trid tara on a case to case issue, pero' marru harira oltre. U dan l-applikazzjoni ta' t-test oġġettiv, mhux**

**kif qed narawha ahna hawnhekk, trid taraha t-test soggettiv ta' dawk il-persuna li ghixu dak id-dramm, ghax ghalija l-fatt li qeghdin hawn dan huwa dramm. Jigifieri intom tridu tidhlu fl-analizi taghkom fiż-żarbun ta' Allan Galea – taraw, jiena qed naghmel hekk dak li qalet il-Qorti f' kuntest iehor pero', jigifieri fuq dawn l-istess affarijiet imma kienet kawża ohra ovvjament. Tridu taraw kif qed jifhem, kif qed jara u kif qed jaqra x-xenarju li qed jiżviluppa quddiemu. U dan huwa kollu konsegwenza ta' dik l- ewwel u l-unika telefonata li hu rrisponda.**

**Ma ninsewx illi hu kien jaf lil min qed ikellem u hawnhekk hareg car min kienet dik il-persuna, u allura din fiha x' tomghod. Jigifieri x' kellu jkun il-buon sens ta' s-Sur Galea? Li ma jaghmel xejn, fis-sens li missu qaghad id-dar jew mar ghand il-pulizija? Kif iprospettatilkom il-Prosekuzzjoni. Jew inkella kellu biex nghid hekk jintraprendi dan miexi fit-triq li ser twasslu aktar qrib il-perikolu? Fil- fehma tieghi dak li ghamel Allan Galea u bl-aġir tieghu l-element ta' inevitabilita' huwa preżenti, jeżisti u jifforma parti ta' dawn it-tliet elementi li huma essenzjali biex il-kunċett ta' l-legittima difesa jkun preżenti, haj u attwali. Jigifieri jiena qed nghidilkom illi leġittima difesa ha nispellahielkom ezatt, teżisti ghax it-tliet elementi huma sodisfatti.**

**28**. Illi huwa dan l-ahhar bran illi fil-fehma tal-Avukat Generali iwassal ghal irregolarita' gravi fil-proceduri. Jista` jkun illi l-kliem adoperat meta meqjus wahdu, u mhux fil-kuntest kollu li sar, seta' jfisser illi l-Imhallef kien qed jindika lill-gurati illi kellha trrizulta l-iskriminanti fil-verdett taghhom, izda meta meqjus il-kuntest kollu, ghandu jirrizulta illi dak li ried ifisser l-Imhallef kien illi l-kuncett ta` l-inevitabbli kellu jigi meqjus fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz bl-applikazzjoni tat-tejorija l-iktar recenti ta' dritt.

Fil-fatt l-indirizz ikompli hekk:

**Jien dan il-kaz ilni nomoghdu ghax ovvjament ipreparajt ghalih u kienet cara x' kienet ser tkun il-linja ta' Difiza. U jien f' rasi wasalt minghajr, ghax kif tghid, wara tibda taqra u tara, u qabel ma qrajt kollox ghidt imma leġittima difesa ghandna bżonn nibdew narawh f'ottika daqsxejn differenti, almenu li kull kaz irid jiġi trattat mhux you have to pigeon**

**hole it, imma kull kaz irid jiġi trattat kif jeżisti, kif isir. Kieku ma kellniex il-mobile probabbilment ma kien jiġri xejn, ghax x' kienu jaghmlu bl-antik? Twassal risposta, kemm twassal risposta, tigi lura etc. Ma kien jiġri xejn. Imma hawnhekk ghandna c-civilta' taghna evolviet b'tali manjiera li d-deċiżjonijiet iridu jittiehdu fi spazju ta' sekondi. U jien ghalhekk jien ta' din il- fehma, nikkonkorda ma' l-Qrati ta' l-Appell jien ukoll, jien stajt inkun liberu li ma naqbilx ghax il-ligi taghna ma torbotx, Qorti Superjuri ma torbotnix lili, imma ejja nghidu hekk xi drabi huwa utli li tara x' jghidu l-Qrati Superjuri taghna. U jien fuqi ghandi Qorti ta' Appell bi tliet imhallfin bla ġurati. Is-sistema taghna dik hi, jiġifieri appell minn hawn jibqa' tiela' quddiem tliet Imhallfin. U dawk kienu kollha sentenzi ta' tliet Imhallfin, u nahseb jiena li ghandhom raġun u naqbel maghha.** (sottolinjar tal-Qorti)

**Mela nerga' nghidilkom l-aspett ta' l-legittima difesa jeżisti w ghandkom tikkunsidrawh u ma tiskartawhx.**

**29**. Dan il-bran juri bic-car illi meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qed ifisser lill-gurati illi huwa kien qed jaqbel mal-kuncett tal-legittima difiza, dan ma kienx qed ifisser illi fil-kaz taht il-lenti taghhom, hekk kellha tkun id-decizjoni taghhom, izda biss illi kien qed jabbraccja t-tezi iktar recenti dwar il-kuncett ta'l-inevitabbilita u cioe' illi ghalkemm l-akkuzat seta' mar fuq il-post b'sikkina u dan fuq istigazzjoni tal-vittma, xortawahda din il-linja difensjonali kellha tigi ikkunsidrata ghalkemm skont l-interpretazzjoni tradizzjonali abbinata mal-fattispecje tal-kaz, id-difiza ma kenitx tkun ipprospettata. Ikompli hekk minhabba kommozzjoni li f'dak il-hin qamet fl-awla mill-avukat tal-parti leza:

**Irrid inrazzan ilsieni nahseb jiena dalghodu.**

**30.** Ikompli:

**U mportanti li dan kollu inqiesuh mill-lat soggettiv ta' min kien qed jiddefendi ruhu, jigifieri l-kwistjoni mill-lenti ta' s-Sur Galea. Hawnhekk**

**qeghdin friski bhal hassa, jigifieri ahna nistghu nghidu imma dak imissu ghamel hekk jew imissu ghamel hekk jew imissu ghamel hekk. Il-buon sens taghkom jiddettalkom u l-hajja taghkom li ġieli hadtu deċiżjonijiet on the spur of the moment ejja nghidu hekk, u ġieli hemm deċiżjonijiet li tghid jien forsi imissni mxejt mod iehor. Din hija l-hajja taghna ta' kuljum. U allura intom tridu tpoġġu fiz- żarbun tieghu, taraw x' ghamel u tibdew tanalizzaw f' mohhkom dak kollu li kien ghaddej minn rasu. Dak eżerċizzju li jrid isir.**

**U jien immur oltre f'dan il-kaz – illi x'gara qabel l-ewwel haga kellu influwenza fuq l-istorja u kellu bearing anka fuq il-kaz, anka fil-kondizzjoni psikoloġika tieghu, kif irreaġixxa. Pero' dan kollu jrid jiġi analizzat mill-lat soggettiv, li l-minaccja kienet tali, li l-aggressjoni kienet tali li f'dak il-hin kienet attwali, inevitabbli, gravi u nġusta.**

**Pero' umbaghad hemm kunċett iehor zghir ghaliex hawnhekk kif qed taraw hija progressjoni, nibdew mexjin biċċa biċċa, li z-zewg avukati li jittrattaw il-kaz poggewlkom ghal attenzjoni taghkom li hija l-kwistjoni ta' l-proporzjonalita'. Jigifieri wara li intom qiestu li dawn it-tliet elementi, inġusta, gravi w inevitabbli japplikaw intom tridu tharsu lejn proporzjonalita'. Mela wiehed irid janalizza hawnhekk jekk kienx hemm proporzjon bejn dak li qed jiġri u dak li ghamilt. ....**

**Mela jiena qed nghidilkom illi l-leġittima difesa teżisti, pero' intom tridu tuzaw il-buon sens taghkom jekk umbaghad kollox jghaqqad kif suppost. Pero' tinsewx illi l-punt ta' diverġenza bejn il-partijiet kien il-punt ta' l-inevitabilita'. Fuq dak li ma qablux.**

**31**. Illi ghalkemm f'dan il-kuntest ukoll il-kliem adoperat forsi ma kienx daqstant felici, madanakollu huwa evidenti illi l-Imhallef xortawahda kien qed jistieden lill-gurati jaghmlu il-konsiderazzjonijiet taghhom abbazi tal-fatti ppruvati dwar jekk fl-agir tal-akkuzat, illum appellat, kienx hemm in-necessita' tal-legittima difiza u allura jekk kenux jikkonkorru l-elementi ta' dritt li isawwru l-istess inkluz allura il-kuncett tal-inevitabbililta', kif imfisser lilhom minnu, fejn huwa idderigiehom japplikaw l-interpretazzjoni recenti moghtija lil dan il-

kuncett, u mhux dik tradizzjonali fejn allura huwa evidenti li jekk kellha tapplika din l-ahhar interpetazzjoni il-linja difensjonali tal-legittima difiza kienet tfalli.

Wara dan ikompli jiggwidhom hekk fuq il-linji difensjonali:

**X' kienet it-tieni linja difensjonali? Ovvjament jekk intom tilqghu din it-tezi, issa umbaghad nergghu nghadduha fis-sample verdicts, l-argument jieqaf hawn ghalikom. Tghidu iva kien hemm leġittima difesa, stop. Pero' Dr Giglio prospettalkom tliet options ohra. L-ewwel wahda : illi l- akkużat hareg mill-limitu li timponi l-ligi. Jigifieri l-azzjoni tieghu f' dak il-mument eċċediet il-proporzjon, u tridu tanalizzaw dik ic-ċirkostanza partikolari dejjem sa l-grad ta' l-probabbli, ghax tinsewx hawnhekk qed taghmel il-linji d-Difiza, jigifieri sal-grad ta' l-probabbli.**

**Hawnhekk hawn l-eċċess? Din hija d-domanda li tridu ssaqsu lilkom infuskom – taraw l-evoluzzjoni ta' l-azzjoni, l-evoluzzjoni ta' r-reazzjoni u tghidu hawnhekk ghandi eċċess jew ma ghandix? Jigifieri jekk intom tieqfu fuq il-kunċett ta' l-leġittima difesa w intom konvinti minnha tridu tieqfu hemmhekk. Pero' jiena nahseb illi l-azzjonijiet haqqhom analiżi harira iżjed profonda minn hekk, allura tridu tanalizzaw il-kwistjoni ta' l-eċċess u tridu taraw jekk ir-reazzjoni tas-Sur Galea kienet proporzjonata jew le?**

**Huwa veru li aġixxa in leġittima difesa, ma hemmx dubju fuqha l-biċċa xoghol, pero' qabeż il-limiti? Dik hija d-domanda li tridu tpoġġu lilkom infuskom hawnhekk. U f'dan il-kaz pero' l-ligi ma tghidilniex li ma hemmx reat, li mhux reat bhal fil-kaz ta' l-legittima difesa li jien qrajtilkom l-artikolu li tghid 'ma hemmx reat'. Hekk jibda l-artikolu. F'dan invece, li huwa artikolu iehor tal-liġi tghidlek li hemm reat, pero' huwa skużabbli, jigifieri ghandu skuża ghaliex ghamel li ghamel. Fuq dan il-kaz qed nghidu li eċċeda. U din hija t-tieni linja ta' Difiza li hemm.**

**It-tielet linja ta' Difiza hija marbuta ma' din u intom tridu taraw jekk ghalkemm eċċeda, mela veru eċċeda s-Sur Galea pero' eċċeda ghaliex, u qieghed fis-sample verdict taghkom, inhasad, beza' jew twerwer. Dawn ma ghandhomx ikunu li jeżistu t-tlieta f' daqqa, anka wiehed minnhom huwa biżżejjed – jew inhasad, jew beza', jew twerwer. Jigifieri hawnhekk is- Sur Galea fil-hin li kien qed jiġi aggredit inhasad?**

**Ma kienx jaf li ser jiġi aggredit? Hassu mbezza' meta gie aggredit? Hassu mwerwer?**

**..... Jigifieri hawn intom nerga' nghidilkom tridu tanalizzaw il-fatti kollha, mhux titilqu mill-final, intom tridu titilqu minn qabel, mit-telefonati li saru mis-Sur Borg lis-Sur Galea li rrisponda wahda u l-kumplament irrispondiethom Miss Grech. Jigifieri hawnhekk intom tridu taghmlu analiżi profonda u spassjonata ta' kollox u mhux tghid heq dak gara hekk. Take your time, araw ghaliex dan ma huwiex haga sempliċi li tgholli l-munita u tghid heads I win tails you lose – xejn minn dan. Noqoghdu attenti.**

**U dhalna fir-raba' difiża difensjonali, li din hija biex tidhol figura ohra, kunċett iehor, il-kuncett ta' l-provokazzjoni. Mela intom tridu issaqsu lilkom infuskom: dak li ghamel is-Sur Galea ghamlu ghax kien provokat? Jigifieri ghamlu ghax xi hadd qallu li ha jaghmel xi haga? Provokazzjoni tridu tohduha fis-sens loġiku ta' l-kelma. Pero' hawnhekk il-liġi taghmel distinzjoni zghira ghaliex biex il-provokazzjoni tinbed, titwieled irid ikun hemm oġġett, x' inhu l- oġġett? Illi d- delitt li kien ser jiġri fuqi huwa suġġett ghal piena ta' sena habs.**

**.... Dawn il-linji kollha ta' Difiza naturalment ghandhom jittiehdu sal-grad ta' l-probabbli. X'ghidna ahna? Il-Prosekuzzjoni trid tasal minghajr dubju dettat mir-raġuni, id-Difiza trid tasal sa l-grad ta' l-probabbli.**

**.... Tinsewx illi l- leġittima difesa hija test soġġettiv, il-provokazzjoni huwa test oġġettiv. Mela dawk kienu l-linji ta' difiża li ovvjament spjegawhom hafna ahjar u aktar fit-tul iz-zewg settijiet ta' avukati.**

**32**. L-Imhallef imbaghad ighaddi biex jispjega lill-gurati it-tezi tal-Prosekuzzjoni.

**Pero' x'inhi l-linja ta' l- Prosekuzzjoni?**

**Il-linja tal-Prosekuzzjoni hija lineari hafna, dritta. Fil-fehma ta' l-Prosekuzzjoni ma hemm xejn biex titfixkel biex tasal ghal konklużjoni li s-Sur Galea huwa hati ta' l- akkuża miġjuba kontra tieghu. Mela l-punt ta' t-tluq ta' l-argumenti ta' l-Prosekuzzjoni huwa car hafna: ma hemmx, ma jeżistix il-kunċett ta' l-legittima difesa, u ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati ta' l- akkuża tieghu.**

**Il-punt ta' l-Prosekuzzjoni hu <u>mhux daqstant il- kwistjoni ta' l-principju ta' l-inevitabilita' li ghidtilkom kif ghandkom tharsu lejh</u> imma l-punt**

ta’ l-Prosekuzzjoni huwa li dak li ghamel is-Sur Galea qed titlobkom biex tinsew kollox, dan litteralment mar ghalih ghax ried joqtlu, ha s-sikkina ghax ried joqtlu, ghamel l-azzjoni finali ghax ried joqtlu. Dak huwa the beginning and end biex nghid hekk ta’ l-argumenti ta’ l-provi kollha li ġabet il- Prosekuzzjoni.

Ovvjament il-kwistjoni li dahlet fil-linji sussidjarji li ma qablitx ma’ l-avukat ta’ d-Difiza hija biex tirribatti l-fatt illi ma taqbilx ma’ t-teżi ta’ d-Difiza ghas-semplici fatt illi kif dejjem ghidtilkom jien qabel, il-Prosekuzzjoni hija konvinta li dak l- aġir ta’ Allan Galea jammonta ghal omiċidju volontarju. No two ways about it, dik hija l-posizzjoni taghhom.

Qaltilkom ukoll kif fil-fehma tal-Prosekuzzjoni intom ghandkom tanalizzaw id-difiżi sussidjarji. Il-Prosekuzzjoni ma taqbel xejn ma’ dawn id-difizi sussidjarji, ma taqbilx u tat ir-ragunijiet taghha ghaliex. Mela meta ahna nghasru issa z-zewg linji, wahda tal-akkuża u wahda ta’ d-Difiza, huma diametrikament opposti, jigifieri ma hemmx punti biex nghid hekk li jmissu ma’ xulxin. Il-Prosekuzzjoni qed tistedinkom li intom issibu htija minghajr dubju dettat mir-raguni u ġabet il-provi ghal dan il-fatt, id-Difiza qed tghid li s-Sur Galea ddefenda lilu nnifsu pero’ il-fatt illi jekk jiddefendi lilu nnifsu intom tieqfu hawnhekk u tghidu dan iddefenda lilu nnifsu, stop u ma ghandniex ghalfejn infittxu aktar. Pero’ korrettament ghax hekk timponi l-prassi legali inti trid tara l-options kollha li ghandek, u fil-kaz ta’ d-Difiza kellha tliet options ohra – li huma l-eċċess, l-eċċess minhabba li nhasad u twerwer, u l-provokazzjoni. Jigifieri d-Difiza qed tistedinkom tharsu lejn wahda minn dawn l-options. Il-Prosekuzzjoni minn naha taghha qed tistedinkom li intom tharsu lejn option wahda, anzi no option at all li intom issibu htija .

Naghlaq b’din qabel nergghu inharsu lejn is- sample verdicts : jekk fil-fehma taghkom il-Prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha tridu ssibu htija. Din hija cara daqs il-kristall. Jekk intom tahsbu li wahda mill-linji ta’ difiża hija valida tiddejqux lanqas, hawnhekk ma hijiex kwistjoni ta’ aptit w ghandna grazzja ma’ dak jew ma’ l-iehor, spjegajtilkom dawn il-kunċetti kollha – hawnhekk intom prattikament ezempju ikrah pero’ tajjeb intom fridge kbir, xejn ma jmisskom – harsu lejn il-provi, analizzaw, ippruvaw, użaw ir-ragjonevolezza, irragunaw il-buon sens u taslu. Li meta l-prim ġurat itina l- verdett ikun verdett sura.

**33**. Illi minn qari tal-bran fis-*summing up* tal-Imhallef fejn huwa ndirizza l-linji difensjonali imqanqla mid-difiza, huwa evidenti illi l-gurati tpoggew fl-ahjar posizzjoni biex jiehdu d-decizjoni taghhom, bil-punti ta' dritt jigu spjegati lilhom b'mod car u konciz, u b'mod illi fin-nuqqas ta' gharfien ta' dawn ic-cittadini ordinarji tal-ligi, huma setghu fi ftit hin jifhmu il-kuncetti ta' dritt kollha imqanqla matul dan il-guri u li dwarhom ma kienx hemm qbil bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni. Huwa minnu illi f'xi partijiet mill-indirizz il-kliem li ntuza seta' ma kienx ghal kollox l-ahjar li seta` tlissen, tant illi seta' jinftiehem illi l-Imhallef kien qed jinfluwenza il-verdett tal-gurati, madanakollu minn qari kif inghad tal-indirizz fl-intier tieghu, jidher car illi l-Imhallef halla kompletament fid-diskrezzjoni tal-gurati sabiex jaslu ghad-decizjoni taghhom b'mod liberu dwar liema mil-linji difenzjonali kienu applikabbli ghal kaz, jekk fil-fatt dawn kienu applikabbli. Fil-fatt il-verdett li hargu bih il-gurati ma kienx wiehed fejn l-iskriminanti giet applikata billi l-appellat gie misjub hati tar-reat tal-omicidju migjuba kontra tieghu, liema reat, madanakollu fil-fehma ta' dawn id-disa' cittadini kellu jkun wiehed skuzabbli bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Kieku dak li qed jikkontendi l-Avukat Generali sehh, il-verdett kien ikun wiehed differenti bil-gurati allura jiddeciedu illi ma kienx hemm htija ghar-reat tal-omicidju billi l-iskriminati tal-legittima difiza igib mieghu l-impunita'.

**34**. Illi fil-fatt l-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza fl-indirizz tieghu t-tezi tal-Prosekuzzjoni u cioe' illi dawn il-linji difenzjonali ma kellhomx isibu applikazzjoni u allura kellha tirrizulta il-htija ghar-reat tal-omicidju *sic et simpliciter*. Dan allura jfisser necessarjament illi l-Imhallef kien qed ihalli id-decizjoni dwar il-fatti f'idejn il-gurati li kellhom jiddeciedu jekk id-difizi imqanqla kenux applikabbli ghall-kaz jew le. Kien biss fil-mument kemmxejn delikat tal-indirizz meta l-Imhallef kien qed jispjega id-divergenzi fil-hsieb fir-

rigward tal-element legali tal-inevitabbilita' u meta dan ghandu isib applikazzjoni, illi huwa ta direzzjoni lill-gurati illi kellhom jadottaw l-interpretazzjoni li kien qed jaghti hu ta' dan il-kuncett, setgha din li *del resto* taqa' fil-mansjonijiet riposti f'idejn kull imhallef li jippresjedi guri.

> **"Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi miscarriage of justice.**
>
> **L-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti. Enfasizza li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti. Spjega l-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, il-grad ta' prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Enfasizza wkoll li kellhom jiddeciedu bla ma jzommu ma' hadd u b'imparzjalita` assoluta, u li kellhom iwarrbu l-pregudizzju sija favur u sija kontra. Indikalhom ukoll li setghu jitolbu ttapes jekk riedu jergghu jisimghu xi xiehda u anke setghu jitolbu li jaraw ir-ritratti, kemm dawk esebiti mill-appellant kif ukoll dawk esebiti mill-prosekuzzjoni. Jigifieri l-gurati tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu l-funzjoni taghhom skont il-ligi.[7]"**

**35**. Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni li l-indirizz izomm ma' dawn il-principji kif imfassla fl-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali[8] u fl-ebda mument ma jitbieghed mill-istess. Illi pertinenti ghal dan il-kaz hija id-direzzjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Brooks Lia** [9]:

---

[7] Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili – 19/06/2008

[8] Artikolu 465: Meta l-akkuża u d-difiża jagħlqu l-parti tagħhom, l-imħallef jagħmel indirizz lill-ġuri, li bih ifissirlu x-xorta u l-elementi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, kif ukoll kull punt ieħor tal-liġi li f'dak il-każ partikulari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġuri, u jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġuri s-setgħat li għandu fil-każ partikulari, u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu.

[9] 02/09/2010

**“As the New Zealand Court of Appeal stressed in R. v. Ryan (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): 'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'. “The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…” (pp. 178-180).**

**36**. Tenut kont ta` dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx allura illi l-lanjanza ventilata mill-Avukat Generali jisthoqqilha akkoljiment billi kif inghad mehud fl-assjem kollu tieghu l-indirizz tal-Imhallef lill-gurati ma kienx wiehed li b’xi mod impinga fuq il-liberta’ tad-decizjoni taghhom. Il-gurati tpoggew fl-ahjar posizzjoni sabiex jikkunsidraw it-tezi kemm tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll tad-difiza, b’tali mod illi huma setghu liberalment jaccettaw dak li kienet qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni, kif ukoll li jikkunsidraw id-difizi imqanqla mill-akkuzat fid-dawl tar-regoli ta’ dritt li ghandhom jigu applikati fil-konsiderazzjonijiet tal-istess. Illi din il-Qorti tista’ tieqaf hawn billi ladarba huwa stabbilit li ma sehhet l-ebda irregolarita’ kif ipprospettata mill-Avukat Generali ma jenhtiegx li jigi ikkunsidrat allura jekk f’dan il-kaz sehhitx xi amministrazzjoni hazina tal-gustizzja kif mahsub fl-artikolu 500(3) tal-Kodici Kriminali.

**37**. Dwar il-kondotta ta l-Imhallef li jkun qiegħed jippresjedi ġuri, din il-Qorti diversi drabi ċċitat b'approvazzjoni dak li tgħid Rosemary Pattenden, fil-ktieb tagħha Judicial Discretion and Criminal Litigation (OUP 1990) :

> **"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance."**[10]

**38**. Illi fuq kollox, il-gudizzju li kellhom jaslu ghalih il-gurati, ma kienx daqstant dak illi jistabilixxu jekk l-att inkriminatorju tal-qtil giex kommess mill-akkuzat, billi dan kien fatt inkontestat. Gie stabbilit lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-mewt ta' Anthony Borg sehhet meta huwa gie akkoltellat mill-appellat. Dak li kellhom allura jiddeciedu l-gurati kien jekk fuq bazi tal-probabbli, wahda mid-difizi imqanqla mill-akkuzat ghal dak li kien ghamel kellhiex issib applikazzjoni. Illi minn ezami tal-atti processwali minn fejn johrog illi l-gurati kienu ben konxji tas-sottomissjonijiet maghmula miz-zewg nahat, kif imfissra lilhom fit-tul fit-trattazzjonijiet maghmula, u kif imbaghad iggwidati mill-Imhallef fl-indirizz, din il-Qorti tqis illi l-gurati setghu legalment u fattwalment jaslu ghal konkluzjoni minnhom raggunta b'applikazzjoni tal-interpretazzjoni ta' dritt moghtija lilhom fl-indirizz tad-difizi imqanqla mill-

[10] Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit – App.Sup.12/01/2016

akkuzat. Din l-Qorti tara illi ma tistax f'dawn ic-cirkostanzi, issa fi stadju ta' revizjoni tinvadi it-territorju li l-ligi tirriserva lill-gurati u tuzurpa gudizzju li mhux taghha.

**Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija, ben diretta, ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[11].**

**Ikkunsidrat** :

**39**. Illi l-Avukat Generali jikkontendi illi sehhet irregolarita' ohra matul il-proceduri meta l-Imhallef fl-indirizz tieghu lill-gurati ma spjegax sewwa l-valur probatorju tal-istqarrijiet tal-akkuzat. Dan ghaliex, kif jirrizulta mill-atti probatorji, l-akkuzat irrilaxxja stqarrija bil-fomm lilll-Ispettur Christopher Pullicino fil-mument li kien arrestat, kif ukoll imbaghad irrilaxxja stqarrija formali li kienet registrata u li tinsab traskritta in atti u dan meta gie interrogat. Inoltre anke quddiem l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, li kien qed jezaminah ghall-griehi li sofra, huwa ukoll jirrakkonta l-mottiv li wasslu biex joqtol lil Borg.

**40**. Jidher illi meta l-appellat kien arrestat ftit hin wara li sehh id-delitt, huwa mal-ewwel ried jaghti spjegazzjoni lill-iSpettur Pullicino ta' dak li kien ghamel. Dan ghamlu wara li l-iSpettur tah is-solitu twissija u anke d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ikellmu. L-appellat, madanakollu fis-sahna tal-mument, stqarr

[11] Ir-Repubblika vs Paul Hili App.Sup – 19/06/2008

illi meta kellem lill Borg fuq it-telefon, wara li dan kien cempillu u beda jidghi u jheddu, huwa qallu id-diskors *"jien m'inix tifel zghir. Jien nigi inqattak u nieklok."* Iz-zewg pulizija li kienu prezenti mal-Ispettur Pullicino meta intqal dan id-diskors, ma jiftakrux illi l-appellat kien qal il-kelma "*nqattek*". Meta mbaghad jigi interrogat wara l-arrest tieghu u dan l-ghada fit-22 ta' Frar 2010, u wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu, l-appellat cahad illi qal dak id-diskors lill-iSpettur, u jghid li ma kienx jaf x'qed ighid ghaliex dak il-hin kien mugugh u sturdut minhabba fl-aggressjoni li garrab.

**41**. L-Avukat Generali f'din il-lanjanza joggezzjona ghall-fatt illi fl-indirizz l-Imhallef idderiga lill-gurati biex jiehdu kont tal-istqarrija li saret bil-miktub u mhux ukoll tad-diskors li sar mill-akkuzat lill-iSpettur Pullicino, liema diskors, fil-fehma tieghu, kien jeskludi dak allegat mill-akkuzat illi huwa qatel lil Borg sabiex jiddefendi ruhu. Dan ghaliex jikkontendi illi l-konfessjoni kienet tikkostitwixxi prova determinanti sabiex l-iskriminanti jew l-iskuzanti ipprospettata mid-difiza taqa', bl-akkuzat allura jmur fuq ix-xena tad-delitt bl-intenzjoni illi jaffronta lil Borg. Jishaq ukoll illi ghalkemm it-twegibiet imnizzla fl-istqarrija bil-miktub jikkostitwixxu l-prova skont il-ligi u mhux il-mistoqsijiet li jsiru mill-ufficjal investigattiv, madanakollu, fil-fehma tal-Avukat Generali, il-mistoqsijiet f'dan il-kaz kienu determinanti sabiex tohrog il-verita' u cioe' illi l-akkuzat bidel il-verzjoni tieghu wara li kien ikkonsulta mal-avukat tieghu sabiex ibiddel ix-xejra tal-att kriminuz minn wiehed volut ghal wiehed mhux mixtieq, u li kien necessitat mill-fatti li sehhew meta huwa nizel fil-pjazza ta' Marsaxlokk, sabiex b'hekk seta` jakkampa favur tieghu d-difizi minnu prospettati.

**42**. Illi l-Imhallef iggwida lill-gurati b'dan il-mod fl-indirizz tieghu fuq dan il-punt:

"Kif ghidtilkom qabel u hawnhekk referenza ghal istqarrijiet li rrilaxxjaw il-partijiet f' hinijiet differenti lil pulizija u fil-fatt intom ghandkom ukoll it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' s-Sur Galea, intom tridu tiehdu r-risposti. Kif ghidtilkom qabel x'ghidt jien meta bdejna? Ghidtilkom araw il-kwistjoni ta' s-sekwenza ta' d-domandi pero' li hu mportanti u tridu thollu u torbtu maghha hija r-risposta u mhux id-domanda, ghaliex il-pulizija f' dak il-punt partikolari jistghu jaghmlu domandi biex nghid hekk trappola. Jistghu jghidu mhux il- verita'. Niehdu ezempju : iva siehbi qalilna kollox, nafu kollox, issa ghidilna int. Dawk l-affarijiet huma l-metodoloġija ta' kif il-pulizija jmexxu nvestigazzjoni. Mhux li jsawtu n-nies ta, nehhuha minn raskom, illum il-pulizija mill-2010 'l hawn ghandha ssegwi ċertu metodoloġiji ta' xoghol, fosthom li rridu lil persuna li qed tigi ndagata, ghax hawnhekk at that moment in time ma ghandniex persuni akkużati, ghandna persuni indagati jew persuni li huma miżmuma biex jghinu lil pulizija, il-pulizija jghidu biex jghinu – hemm min jghin u hemm min jiġi ndagat – dan irid jaghti mmedjatament id-dritt ta' l- avukat. Forsi ma morniex biżżejjed, jiena ma jidhirlix li morna biżżejjed f'dik it-triq pero' llum ghandna almenu min qieghed jiġi rinfaccat b' indagini ghandu d- dritt ta' l- avukat, li jista' jkellem lil avukat.

U dak li jinghad bejn l-avukat, ha naghmilha cara ghax forsi hawn setghet trapellat ċertu hsieb, dak li jintqal bejn l-avukat u l-klijent f'dak il-hin huwa privileġġjat ukoll. Jiġifieri ma nistghux nibdew nivvintaw x' qal l-avukat u x' ma qalx l- avukat. Dak huwa dritt tieghu, jista' jkellem lil avukat kemm irid fit-termini ta' l-ligi, jidhirli ghandhom siegha, u jiehu parir minghand l-avukat x' ghandu jaghmel u x'ma ghandux jaghmel.

Mela l-istqarrijiet ghandkom aktar minn stqarrija wahda, pero' l-istqarrija ghandha tigi trattata l-ewwel santa haga premessa: l-istqarrijiet kollha huma stqarrijiet legali w ammissibbli. Jiġifieri ma hemmx problemi li l-istqarrija li ghandkom fil-pussess taghkom dik tghaddi minn raskom illi dik eh ma setax jehodha, ma setax jaghmel hekk u ma setax jaghmel hekk – dik hija prova l-istqarrija u trid tigi analizzata bil-kwiet. Pero' dik l-istqarrija li ghandkom quddiemkom, jidhirli li wahda ġiet moghtija lilkom, ma hijiex stqarrija mehuda bil-ġurament, tinsewha qatt din il-biċċa xoghol. Mela l-valur ta' dik l-istqarrija hija r-risposti li intom issibu fiha ta' s- sur Galea.

Kif ghidtilkom qabel, il-pulizija jistghu jaghmlu leading questions, pero' li jinteressana ghar-ricerka ta' l-verita' f' din l-awla huma r-risposti.

**Jiġifieri ma hemm xejn illegali fl-aġir ta' l-pulizija meta hadu dik l-istqarrija, biex naghmluha cara."**

**43**. Illi minn dak mistqarr, ma jirrizultax illi l-imhallef fl-indirizz tieghu ndika lill-gurati illi huma ghandhom jinjoraw il-mistoqsijiet maghmula mill-ufficjal investigattiv fil-kors tal-istqarrija, izda illi dak li jiswa bhala prova ta' dak li stqarr l-akkuzat huma t-twegibiet. Di piu' gie indikat ukoll lill-gurati illi kien hemm iktar minn stqarrija wahda u li dawn kollha ghandhom jigu ezaminati ghaliex kollha ghandhom valur probatorju, ghalkemm l-imhallef ma qaghadx jispjega liema kienu dawn l-istqarrijiet.

Ikompli hekk:

**"U hemm oġġett iehor li ghandkom tirrealizzaw meta tittiehed stqarrija: meta tittiehed stqarrija ma hijiex neċessarjament din l-istqarrija ghaliex jiena rrid nuzaha bhala prova ghal htija ta' dak li jkun. L-istqarrija tista' tkun favur, tista' tkun kontra. Dan ifisser illi fl-istqarrija ghandna x' qed jghidilna l-verżjoni l-persuna ndagata dak il-hin, mhux neċessarjament akkużata, indagata. Il-pulizija jiehdu mijiet ta' stqarrijiet, li jaslu l- Qorti huma l- minoranza.**

**.... Pero' kif ghidt qabel ukoll tista' temmen parti ta' l- istqarrija, tista' temmen, tista' ma temminx parti ta' l-istqarrija – dawn kollha huma affarijiet li prattikament iridu jigu trattati qisek qed tara xhud f'dik l-istqarrija. U again dan fin-normalita' ta' l-affarijiet, hemm min ghandu a selective memory, hemm min huwa aktar preċiż fix- xiehda tieghu, hemm min hu anqas preċiż fix- xiehda tieghu."**

**44.** Dwar dak li xehed l-Ispettur Christopher Pullicino jindika lill-gurati hekk :-

**"Qalilna li s-Sur Galea niżel mill-karozza ta' l-ALE, kien eccitat hafna, hu tah il-caution mill-ewwel u d-dritt ta' l-avukat pero' skont hu s-sur Galea qal jiena dan li ser nghidlek umbaghad l-avukat gibuli wara. Qallu dak il-hin stess illi kien armat fuq il-monti, dakinhar kienu qalghu mitt Ewro u qallu wkoll li kien hiereg filghaxija ma' l-mara tieghu u ma'**

**t- tifla. Hu qal li Anthony Borg kien sfidah ghal ġlied u Allan Galea qallu li Borg qallu 'jien niġi nqattak u nieklok'. Qallu wkoll li ma marx bil-harpun minhabba l-mara tieghu u s-Sur Pullicino qal li ma setax isodd halq Allan Galea u fil-fatt qallu tlieta jew erba' darbiet biex jieqaf pero' mid-dehra s- Sur Galea baqa' ghaddej.**

**Issa fuq dak id-diskors li ghamel is-Sur Galea ma' s-Sur Pullicino tinsewx illi ghandkom il-verzjonijiet ta' s-sur Pullicino u ghandkom ukoll jidhirli f' idejkom dak li qalu z- żewġ kuntistabblijiet ta' l-ALE. Fil- fatt is-Sur Pullicino qalilna li dak il-hin stess hu tela' fuq u kiteb fil-computer, ha nota ta' l-affarijiet li kien qallu u l-kuntistabblijiet ta' l- ALE qallhom biex ukoll imorru u jiehdu n- notamenti taghhom. Deher is-Sur Galea eccitat u emozzjonat hafna u kien qisu fil-fehma ta' s-Sur Pullicino kważi qed jghajjat biex jitkellem."**

**45.** Illi minn dan il-bran ghandu jirrizulta li l-Imhallef indirizza d-diverbju li kien hemm bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ghar-rigward tal-kliem ezatt mistqarr lill-ISpettur Pullicino mill-akkuzat fil-mument tal-arrest tieghu. Issa kien jispetta lill-gurati, imbaghad li jqisu, liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet kellha titwemmen. Fl-ebda hin ma jidher illi l-Imhallef ma tax l-importanza li kienet timmerita lil dik il-prova li saret permezz tax-xiehda tal-Ispettur Christopher Pullicino dwar dak mistqarr mill-akkuzat lilu, liema kliem imbaghad l-istess akkuzat cahad meta kien interrogat. Din id-decizjoni kienet tispetta lill-gurati u dan wara li l-Imhallef ghamel esposizzjoni ta' dak li allegatament kien mistqarr mill-akkuzat *a tempo vergine* mal-arrest tieghu ma' dak mistqarr imbaghad minnu fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija. Sahansitra gibed l-attenzjoni taghhom ukoll ghal dak mistqarr mill-akkuzat lill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri. Ighidlhom:

**"Mela umbaghad xehed Dr Mario Scerri. Meta niġu ghal esperti hawnhekk intom ghandkom ir-rapporti taghhom, mela araw il-konklużjonijiet taghhom, .....**

**Hu kien gie nominat mill-Magistrat Clarke u fil-fatt qralkom ir-relazzjoni. Aqrawha ghax jghidilkom ezatt x' qallu Allan Galea, m' inix ser noqghod nerga' nirrepetiha, pero' hu qalilna li kien fi stat ta' paniku, mhux ta' esterizmu imma."**

**46**. Minn dan kollu jirrizulta illi kienu senjalati ghall-attenzjoni tal-gurati t-tlett stqarrijiet li ghamel l-akkuzat Allan Galea, illum appellat, l-ewwel lill-iSpettur Christopher Pullicino ftit wara li kien sehh il-qtil, imbaghad lill-espert Dr. Mario Scerri iktar tard fil-ghaxija fl-istess jum, u finalment dak mistqarr minnu fl-istqarrija rilaxxjata l-ghada meta huwa gie interrogat mill-pulizija. Kien indikat lill-gurati illi l-prova ta' dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija rilaxxjata minnu kienet tinstab fit-twegiba ghall-mistoqsijiet, minghajr madanakollu ma jinjoraw is-sekwenza tal-mistoqsijiet u r-raguni ghalfejn saru. Abbazi ta` dan kollu, din il-Qorti tistqarr li ma ssib l-ebda rregolarita' fil-proceduri meta tpoggiet quddiem il-gurati l-istampa shiha ta' dak kollu li kien mistqarr mill-persuna akkuzata dwar l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reat. Bl-applikazzjoni tar-regoli tal-procedura huma mbaghad thallew fil-liberta` li jiddeciedu jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kellhomx jigu emmnuti in toto jew in parte jew addirittura fl-ebda parti. Ghalhekk l-aggravju qed jigi rigettat.

**Ikkunsidrat :**

**47**. Illi l-ahhar gravam sottopost ghall-gudizzju ta' din il-Qorti idur madwar dak li fil-fehma tal-Avukat Generali kien in-nuqqas ta' kontroll li l-Ewwel Qorti ezercitat fuq l-operat tad-difiza meta kien qed jixhed ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Clifton Cassar. Fil-kors tat-trattazzjoni orali, l-appellant Avukat Generali, madanakollu ma ghamilx daqstant enfasi fuq dan l-aggravju ghalkemm baqa` ma rrinunjzax ghall-istess.

**48**. Illi bil-mod kif kienu qed isiru il-mistoqsijiet in kontro-ezami u bl-atteggjament tad-difensuri tal-appellat, ix-xhud Cassar, fil-fehma tal-Avukat Generali, kien qieghed jigi imwaqqa' ghaz-zufjett bil-gurati jispiccaw jiddiehku bih. L-Avukat Generali jilmenta li l-Qorti ma kenitx qed tezercita l-ebda kontroll fuq id-difiza u fl-ebda mument ma hasset il-htiega li trazzan l-imgieba tad-difiza. Min-naha taghha, id-difiza tghid illi dik kienet tattika taghhom ghalbiex jingieb ghall-attenzjoni tal-gurati illi x-xhud kien qieghed jigdeb u li dak li kien qieghed jistqarr bil-gurament kien miftiehem diga` max-xhieda l-ohra, familjari tal-vittma, tant illi kien jidher li hemm qbil bejniethom sahansitra dwar id-dettalji zghar, fatt allura li kien indikattiv illi huma kienu qed jirrepetu *verbatim* dak li kien miftiehem bejniethom, bil-ghan li jeskolpaw lill-vittma mill-fatt li kien instiga hu stess dan l-event kriminuz. Fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta illi Claire Magri, li kienet it-tfajla tal-vittma, u hu l-istess vittma, Frans Borg, kienu sahanistra hbew l-arma tan-nar li kien uza Anthony Borg kontra l-akkuzat, meta dan spara zewg tiri fid-direzzjoni tieghu, azzjoni li ppreciptat l-kollutazzjoni bejn l-akkuzat u Borg.

**49**. Illi din il-Qorti qieset ix-xiehda ta' Clifton Cassar u jirrizulta illi fl-ebda mument fil-kors tal-ezami tal-prosekuzzjoni ma kien hemm xi interventi mid-difiza. Il-prosekuzzjoni thalliet taghmel dawk il-mistqosijiet kollha pertinenti ghaliha minghajr qatt ma giet imwaqqfa jew ostakolata mid-difiza. Illi waqt il-kontro-ezami tad-difiza, meta x-xhud kien mistqosi jekk il-vittma kienx maghruf bhala *Bona Power*, dan wiegeb minn jeddu illi dan Anthony Borg sahansitra kellu papagall jismu *Power*. Mhux biss izda tul il-kontro-ezami l-Imhallef diversi drabi ha l-mistoqsijiet f'idejh u ggwida lix-xhud meta dehrlu li id-difiza kienet qed tinsisti fit-tul fuq il-linja tal-mistoqsijiet li kienet qed taghmel. Illi l-Qorti

ukoll intervjeniet meta x-xhud beda juri riluttanza sabiex iwiegeb il-mistoqsijiet li kienu qed isirulu in kontro-ezami, u meta allura kien qed jinsorgi dubju dwar l-attendibilita` ta` dak li kien qed jixhed, fosthom meta huwa konvenjentement ighid li ma semax x'diskors kien qed ighid Anthony Borg fil-hin meta ddecieda li ried ikellem lill-akkuzat u beda jcempillu b'mod konsistenti. Dan il-kontroll kien ezercitat fil-kors kollu tal-kontro-ezami u ri-ezami mill-Ewwel Qorti tant illi din il-Qorti ma tistax tara illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-ilment. Fuq kollox il-jedd tad-difiza li taghmel kontro-ezami tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u allura li jkollha kontroll fuq il-provi imressqa kontra l-akkuzat hija il-qafas tal-jedd tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq. L-interventi mill-Imhallef kienu ghalhekk intizi sabiex jassigura li l-jedd ghal smigh xieraq ma jkunx ivvjolat. Anke dan l-aggravju qed ikun michud.

**50.** Ghar-ragunijiet kollha premessi, l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud, bil-verdett u is-sentenza appellata kkonfermati.